*GILJOTTINA*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' Ottubru 2001**

**Numru : 7**
**Citaz. Numru : 334/01/RCP**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Bartoli Trading Company Limited**

**Eric u Bernardette konjugi Bartoli**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-Bank attur, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras Trigona datat 13 ta' Awissu 1997, ikkonceda lis-socjeta konvenuta Bartoli Trading Company Limited facilita ta' "overdraft" u in forza ta' din il-facilita l-imsemmija socjeta konvenuta gibdet favur taghha flus minghand il-Bank attur u ghandha debitu komplessiv favur l-istess Bank ta' sitta u tmenin elf disa' mija u tnejn u tletin lira u sitta u hamsin centezmu (LM86,932.56), kif jirrisulta ahjar skond rendikont anness, oltre I-interessi mit-22 ta' Marzu 2000 sal-pagament effettiv;

Illi kif jirrisulta skond l-istess kuntratt hawn fuq imsemmi kif ukoll mill-annessa skrittura privata datata 19 ta' Gunju 1997, il-konvenuti l-ohra Eric u Bernardette konjugi Bartoli u Ivan u Simone konjugi Bartoli ikkostitwew ruhhom garanti solidali mas-socjeta konvenuta favur l-istess Bank attur sa ammont massimu ta' erbghin elf lira (Lm40,000) u ghalhekk huma debituri ta' din is-somma oltre l-imghax kif indikat hawn fuq salv pero` illi fil-konfront tal-konjugi Eric u Bernardette Bartoli l-imghax jiddekorri mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru 1999;

Illi l-konvenuti Ivan u Simone Bartoli diga ikkostitwew ruhhom debituri ghal dawn il-pretensjonijiet b'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil tas-7 ta' Dicembru 2000, kopja hawn annessa.

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-dejn, baqghu inadempjenti;

Illi fil-fehma tal-istanti ghalhekk il-pretensjoni attrici ghall-hlas tas-somma indikata hija certa, likwida u dovuta u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghal din it-talba;

L-istess socjeta` attrici ghalhekk talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artiklu 167. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u

2. Tikkundanna, lill-konvenuti kollha solidalment sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' erbghin elf lira (Lm40,000) oltre l-imghaxijiet relattivi sal-pagament effettiv.

3. Tikkundanna is-socjeta konvenuta Bartoli Trading Company Limited thallas lill-Bank attur is-somma ulterjuri u bilancjali ta' sitta u erbghin elf disa' mija u tnejn u tletin lira u sitta u hamsin centezmu (Lm46,932.56) oltre l-imghaxijiet relattivi sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuti u s-socjeta` konvenuta debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici**, b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenuti kollha solidalment sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' erbghin elf lira (Lm40,000) oltre l-imghaxijiet relattivi sal-pagament effettiv.

3. Tikkundanna is-socjeta konvenuta Bartoli Trading Company Limited thallas lill-Bank attur is-somma ulterjuri u bilancjali ta' sitta u erbghin elf disa' mija u tnejn u tletin lira u sitta u hamsin centezmu

(LM46,932.56) oltre l-imghaxijiet relattivi sal-pagament effettiv;

Bl-imghax mitlub mit-22 ta' Marzu 2000 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**18 ta' Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**18 ta' Ottubru, 2001**